StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM*
# U L-ISKOLA SEKONDARJA 2010

Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-Ħames Sena STUDJI SOĊJALI (*General*) ĦIN: Siegħa u Tliet Kwarti**

**Isem: ____________________________________ Klassi: _______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, Ċ u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A**

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*Illum nitkellmu fuq soċjetà bbażata fuq l-għerf, fuq it-tagħlim tul il-ħajja, fuq il-flexi-time u fuq kundizzjonijiet flessibbli ta' xogħol. Għalhekk nagħrfu kemm hemm bżonn li jkun hemm sistema edukattiva li twieġeb għall-ħtiġijiet ta' ekonomija moderna. Illum aħna nitkellmu fuq il-progress kbir li sar fil-mediċina, iżda nafu li hemm sfida fuq is-sistemi tal-għajnuna soċjali (welfare) u tas-sigurtà soċjali tagħna minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ.*

*Qed tingħata attenzjoni partikolari għal dawk il-persuni li huma l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà; kemm is-sigurtà soċjali kif ukoll il-welfare soċjali qed ikunu żviluppati u qed jittieħdu l-miżuri kollha biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tagħhom. Is-servizzi soċjali qed ikunu żviluppati biex jagħtu attenzjoni akbar lill-persuna u lill-familja. Iċ-ċittadini qed ikunu mħeġġa biex jieħdu sehem b'mod attiv ħalli jgħinu lilhom infushom u lill-oħrajn biex isaħħu l-ambjent soċjali tagħna. Is-soċjetà ċivili trid titmexxa 'l quddiem b'mod attiv bl-appoġġ tal-volontarjat.*

*F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern Malti daħħal liġijiet ġodda biex isaħħaħ is-sigurtà soċjali, l-impjieg mingħajr diskriminazzjoni, l-istatus indaqs tan-nisa, l-opportunità u l-aċċess indaqs għall-edukazzjoni b'xejn fil-livelli kollha, kif ukoll sensiela sħiħa ta' servizzi tas-saħħa. Is-sistema tal-welfare hija waħda mill-iktar karatteristiċi importanti tas-Soċjetà Ewropea. Madankollu, irridu nammettu li din is-sistema, għalkemm żviluppata ħafna, xorta waħda ma toffrix garanzija kontra l-faqar, u miljuni ta' persuni fl-Ewropa għadhom xorta waħda jgħixu taħt il-livell tal-faqar.*

Minn diskors mid-Deputat Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr. Lawrence Gonzi (2003)

**Mistoqsijiet**:

1. X'tifhem b'dawn li ġejjin: "sistemi ta' għajnuna soċjali (*welfare*)", "soċjetà bbażata fuq l-għerf" u "flexi-time"? (2,2,2)
2. Fit-tieni paragrafu, il-kelliem jirreferi għall-*persuni li huma l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà*. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' persuni "vulnerabbli" fis-soċjetà Maltija. (1,1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. X'tifhem b'"sostenibbiltà"? Agħti **ŻEWĠ** eżempji biex turi x'jista' jagħmel il-G Malti biex jiżgura s-sostenibbiltà tas-servizzi soċjali. (2,1,1)
4. Għaliex *hemm sfida fuq is-sistemi tal-għajnuna soċjali u tas-sigurtà soċjali tagħna minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ*? (4)
5. Għaliex is-servizzi tas-saħħa f'Malta huma b'xejn għaċ-ċittadini Maltin? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' servizzi tas-saħħa f'Malta. (2,1,1)
6. Min aktar, barra l-Gvern Malti, jikkontribwixxi għas-sistema tal-għajnuna soċjali tagħna? (3)
7. Agħti u ddeskrivi fil-qosor **TLIET** eżempji ta' servizzi soċjali f'Malta. (3)
8. X'tifhem b'"impjieg mingħajr diskriminazzjoni"? (4)

**TOTAL: 30 marka**

## Taqsima B

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*L-ogħla liġi tal-pajjiż tissejjaħ Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni ta' Malta tmur lura għall-1964 iżda kienet emendata mill-Parlament Malti fl-1974 u fis-snin ta' wara. Il-Kostituzzjoni tagħna tinqsam fi 11-il Kapitlu u f'124 Artiklu. L-ewwel parti tagħha tiddefinixxi l-Istat Malti, it-territorji tiegħu, l-ilsien u r-reliġjon uffiċjali, kif ukoll l-innu nazzjonali. It-tieni parti tikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' prinċipji li fuqhom tinbena s-soċjetà ċivili Maltija.*

*It-taqsima ta' wara tiddefinixxi ċ-ċittadinanza u tittratta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-libertajiet tal-individwu. Il-Kostituzzjoni ta' Malta tiffoka wkoll b'mod partikolari fuq kif il-Gvern Malti jiġi elett, fuq il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Parlament Malti, fuq ir-rwol tal-Kabinett, kif ukoll fuq ir-rwol tal-Kap tal-Oppożizzjoni. It-taqsimiet ta' wara jikkonċernaw is-sistema ġudizzjarja ta' Malta, is-Servizz Pubbliku u l-Kunsilli Lokali.*

*L-aħħar parti tal-Kostituzzjoni tittratta l-Awtorità Maltija tax-Xandir, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kif ukoll il-validità tal-liġijiet. Fl-aħħar parti tagħha wieħed isib ukoll lista ta' pajjiżi tal-Commonwealth barra Malta.*

Adattat minn artiklu ppubblikat fuq www.legal-malta.com (2009)

**Mistoqsijiet**

1. Għaliex il-Kostituzzjoni titqies bħala *l-ogħla liġi tal-pajjiż*? Għaliex is-snin 1964 u 1974 huma importanti ħafna għal Malta? (2,2)
2. X'tifhem bi *drittijiet fundamentali tal-bniedem*? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' dawn. (2,2)
3. Kif jiġi elett il-Gvern Malti? Kif jissejjaħ il-Kap tal-Istat Malti? Min hu l-Kap tal-Istat Malti bħalissa? (3,2,1)
4. X'inhu l-"Kabinett"? Min hu ċ-*Chairperson* tal-Kabinett Malti? (2,2)
5. X'inhuma l-Kunsilli Lokali? Dawn kif jiġu eletti? Agħti u ddeskrivi **ŻEWĠ** eżempji ta' xogħol li jagħmlu l-Kunsilli Lokali. (2,1,2)
6. Għaliex il-Parlament huwa importanti ħafna għas-sistema politika Maltija? (3)
7. X'inhu l-*Commonwealth*? Min hu l-Kap tal-*Commonwealth*? Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' pajjiżi fid-dinja, barra Malta, li huma wkoll membri tal-*Commonwealth*. (1,1,2)

**TOTAL: 30 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ**

**Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma fuq wieħed mit-temi li ġejjin:**

1. Id-demokrazija bħala sistema politika.
2. Ir-refuġjati u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà Maltija.
3. L-anzjani fis-soċjetà Maltija.

**TOTAL: 15-il marka**

**Taqsima D**

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 200-250 kelma**:

1. a) X'tifhem bil-frażi "mobbiltà soċjali"? (10)

   b) Semmi u spjega **ŻEWĠ** kawżi ewlenin li jistgħu jwasslu għall-mobbiltà soċjali. (15)

2. *L-Unjoni Ewropea tikkonsisti f'27 Stat Membru li kull wieħed minnhom għandu l-identità, il-kultura u s-sistema politika tiegħu.*

a) X'nifhmu bl-Unjoni Ewropea? (12)

b) Semmi **ĦAMES** pajjiżi, barra Malta, li huma Membri tal-Unjoni Ewropea. (5)

c) Semmi u spjega **ŻEWĠ** vantaġġi u **ŻEWĠ** żvantaġġi tas-sħubija ta' Malta fl-UE. (8)

3. a) X'nifhmu bil-kelma *globalizzazzjoni*? (5)

   b) Ikteb dwar il-**media** u l-**kummerċ** bħala żewġ aspetti ta' globalizzazzjoni li qed jaffettwaw il-ħajja tagħna llum. (10)

   c) Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' pajjiżi sotto-żviluppati u **ŻEWĠ** eżempji ta' pajjiżi żviluppati u spjega x'inhuma d-differenzi ta' bejniethom. (10)

**TOTAL: 25 marka**

**TOTAL: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers